MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 595/2003/2

**Emanuela sive Lilian Cauchi**

**v.**

**Carmel Cauchi**

**Il-Qorti:**

Regghet rat ir-rikors ta’ Lilian Cauchi tad-9 ta’ Jannar 2006;

Rat id-digriet tas-7 ta’ April 2006;

Rat l-atti kollha rilevanti;

Rat l-Artikolu 266 tal-Kap. 12 u partikolarment is-subartikolu (7) tieghu;

Semghet lill-partijiet u lid-difensuri taghhom fl-udjenza tal-lum;

Peress li hi sodisfatta li jikkonkorru c-cirkostanzi msemmija fl-imsemmi subartikolu (7);

Tilqa’ t-talba u tordna l-esekuzzjoni provvizorja ta’ dik il-parti tas-sentenza tat-30 ta’ Novembru 2005 fl-ismijiet premessi li ordnat lill-intimat Carmel Cauchi li jizgombra mid-dar matrimonjali “Charlil”, Triq Indri Calleja, B’Kara fi zmien ghoxrin gurnata, b’dan li l-ghoxrin gurnata ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum; u dan evidentement bla hsara ghal kull provvediment definittiv li din il-Qorti tista’ taghti fir-rigward ta’ din il-parti tas-sentenza u ta’ partijiet ohra taghha fid-dawl ta’ dan l-appell interpost.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------